

Brussell, 25 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

11080/26

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0173 (COD)**

---

**DATAPROTECT 219  
JAI 879  
COPEN 244  
IXIM 146  
ENFOPOL 241**

## **PROPOSTA**

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |
|-------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                                                                                                                                                |
| data meta waslet: | 23 ta' Ġunju 2026                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                                               |
| Nru dok. Cion:    | COM(2026) 314 final                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
| Suġġett:          | Proposta għal<br>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL<br>li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 314 final.

Mehmuż: COM(2026) 314 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.6.2026  
COM(2026) 314 final

2026/0173 (COD)

Proposta għal

## **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Ir-Regolament (UE) 2018/1725 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE (EUDPR) tfassal biex jistabbilixxi reġim koerenti u modernizzat tal-protezzjoni tad-data għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-UE. Il-Kapitolu IX tar-Regolament (UE) 2018/1725 kien speċifikament maħsub biex jirregola l-ipproċessar ta' "data personali operazzjonali" (jiġifieri d-data personali pproċessata għat-twertiq ta' attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Kapitolu 4 jew il-Kapitolu 5 tat-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE) mill-aġenziji u l-korpi tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI) tal-UE, inklużi l-Europol, l-Eurojust, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), u, sa ċertu punt, il-Frontex.

Minkejja l-adozzjoni tal-EUDPR, il-qafas tal-protezzjoni tad-data applikabbli għall-aġenziji u l-korpi tal-ĠAI tal-UE għadu frammentat. B'mod partikolari, il-Kapitolu IX ma japplikax għall-UPPE, li r-Regolament fundatur tiegħu ġie qabel l-EUDPR. B'riżultat ta' dan, ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-UPPE jvarjaw fis-sustanza minn, jew huma fformulati b'mod differenti mid-dispożizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fil-Kapitolu IX tal-EUDPR. Barra minn hekk, l-EUDPR jipprevedi li, fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali operazzjonali, huma applikabbli biss l-Artikolu 3 (definizzjonijiet) u l-Kapitolu IX. Minn naħa, dan irriżulta fiż-żamma ta' dispożizzjonijiet li jirregolaw ċerti aspetti relatati mal-ipproċessar ta' data personali operazzjonali fl-atti kostituttivi tal-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji rispettivi. Min-naħa l-oħra, ta lok għal inċertezza legali dwar jekk, u sa liema punt, id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu II sa VIII bħal dawk relatati mar-rekords tal-attivitajiet ta' pproċessar jew il-kompiti tal-uffiċċjal tal-protezzjoni tad-data japplikawx f'sitwazzjonijiet fejn ma jeżistux dispożizzjonijiet analogi la fil-Kapitolu IX u lanqas fl-atti kostituttivi tal-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji rilevanti. Din il-frammentazzjoni mhux biss iddgħajjef iċ-ċertezza legali iżda toħloq ukoll ostakli prattiċi għal kooperazzjoni effettiva bejn il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE meta jikkondividu d-data. Fl-ewwel rapport tagħha dwar l-applikazzjoni tal-EUDPR tal-2022, il-Kummissjoni rrikonoxxiet dawn in-nuqqasijiet u qieset intervent leġiżlattiv biex tindirizzahom.

F'dan il-kuntest, din il-proposta ssegwi l-oġettivi tas-simplifikazzjoni u l-iżgurar tal-konsistenza tal-qafas applikabbli tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari billi tallinja r-regoli rilevanti fost il-korpi u l-aġenziji tal-UE. Dan l-allinjament huwa mistenni li jtaffi l-piżijiet amministrattivi u jiffaċilita l-iskambji tad-data bejniethom, filwaqt li fl-istess ħin isahha iċ-ċertezza legali. Fl-interess tal-konsistenza u f'konformità mal-oġettiv ġenerali li tiġi minimizzata l-frammentazzjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, il-proposta sserraħ fuq erba' oġettivi primarji:

**Iżgurar tal-applikazzjoni konsistenti tal-protezzjoni tad-data għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-UE**

Il-Kapitolu IX jeħtieġ li jkollu ambitu estiż biex jiġi żgurat li japplika b'mod konsistenti fl-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji kollha tal-UE fis-settur tal-ġustizzja kriminali u tal-infurzar tal-liġi. Dan se jintegra lill-UPPE fil-qafas tal-EUDPR. Dan se jsir mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jinżammu, fir-Regolament dwar l-UPPE, ir-regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data meħtieġa biex jirriflettu n-natura unika tal-UPPE bħala l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku indipendenti tal-Unjoni. Ir-regoli fil-Kapitolu IX diġà huma allinjati mar-regoli korrispondenti tad-Direttiva (UE) 2016/680 dwar l-Infurzar tal-Liġi u se jirriżultaw f'sett

uniku u armonizzat ta' regoli għall-partijiet affettwati kollha biex titnaqqas il-frammentazzjoni u tiġi żgurata l-konsistenza tar-regoli applikati.

### **Tisħiħ taċ-ċertezza legali**

Bħalissa, il-Kapitolu IX ma fihx dispożizzjonijiet dwar diversi aspetti importanti, inkluż ir-rwol tal-Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data (UPD), iż-żamma ta' rekords tal-attivitajiet ta' pproċessar, il-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji u t-trasferiment internazzjonali ta' data personali operazzjonali. Il-proposta għandha l-għan li tikkonsolida r-regoli f'post wieħed, tissimplifika l-konformità mingħajr ma timponi impatt operazzjonali sinifikanti. Dan se jipprovdi wkoll aktar ċarezza għall-kontrolluri, il-proċessuri u s-suġġetti tad-data.

### **Simplifikazzjoni tas-setgħat tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

Bħalissa, is-setgħat superviżorji tal-EDPS huma rregolati fl-atti fundaturi tal-Europol, tal-Eurojust u tal-UPPE, li kull wieħed minnhom fih dispożizzjonijiet diverġenti, li jwasslu għal inċertezza u ineffiċjenzi. L-att fundatur tal-Frontex ma jirregolax is-superviżjoni tal-EDPS għall-ipproċessar ta' data operazzjonali, li jirriżulta f'asimmetrija importanti.

Il-proposta tfittex li tiċċara li l-EDPS jingħata setgħat superviżorji li huma konformi ma' daww skont l-Artikolu 58 tal-EUDPR, iżda li huma adattati għall-kuntest tal-ipproċessar ta' data operazzjonali, b'mod partikolari għall-UPPE fil-kuntest tal-attivitajiet ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni. F'dak ir-rigward, il-proposta ssegwi l-mudell għas-setgħat tal-EDPS mir-riforma tal-Europol tal-2022, filwaqt li tiżgura l-konsistenza mal-Kapitolu VI tal-EUDPR u mad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi (LED). Il-proposta tneħħi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-aġenzija dwar il-kompiti u s-setgħat tal-EDPS mill-atti kostituttivi.

### **Simplifikazzjoni ġenerali**

Fl-aħħar nett, il-proposta għandha l-għan li tissimplifika d-dispożizzjonijiet biex jiġu eliminati s-sensji, id-duplikazzjonijiet u l-inkonsistenzi fil-qasam tal-protezzjoni tad-data għall-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni tal-ĠAI meta jwettqu l-attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Kapitoli 4 u 5 tat-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE. Tallinja wkoll id-dispożizzjonijiet dwar l-ipproċessar ta' data operazzjonali mal-proposta Omnibus Diġitali<sup>(1)</sup>, meta rilevanti.

#### **• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-proposta għandha l-għan li tallinja d-dispożizzjonijiet tal-EUDPR mal-politiki eżistenti dwar il-protezzjoni tad-data, filwaqt li ssaħħa il-prinċipji stabbiliti fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) u l-LED. Din tiżgura l-allinjament mal-emendi għall-qafas tal-protezzjoni tad-data proposti taħt l-Omnibus Diġitali, meta rilevanti.

#### **• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija parti minn pakkett ta' inizjattivi tal-ġustizzja kriminali li jsegwu objettiv koerenti u komplementari: it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' kriminalità transfruntiera serja f'ambjent ta' sigurtà dejjem aktar kumpless. Billi jimmodernizza l-oqfsa legali li jirregolaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, ġudizzjarji u awtoritajiet rilevanti oħra, il-pakkett ifittex li jsahha l-effettività, il-koerenza u l-interoperabbiltà tal-arkitettura tas-sigurtà interna tal-Unjoni.

---

<sup>(1)</sup> Il-Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/679, (UE) 2018/1724, (UE) 2018/1725, (UE) 2023/2854 u d-Direttivi 2002/58/KE, (UE) 2022/2555 u (UE) 2022/2557 fir-rigward tas-simplifikazzjoni tal-qafas leġislativ diġitali, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2018/1807, (UE) 2019/1150, (UE) 2022/868, u d-Direttiva (UE) 2019/1024 (Omnibus Diġitali), 19.11.2025, COM(2025)837 final.

Ir-reviżjonijiet proposti tar-Regolamenti dwar l-Europol u l-Eurojust jikkostitwixxu l-qalba ta' dan l-isforz. L-Europol u l-Eurojust iwettqu funzjonijiet distinti iżda komplementari fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja: filwaqt li l-Europol tappoġġa l-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' attivitajiet kriminali, l-Eurojust tiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja u tiżgura segwitu effettiv tal-prosekuzzjoni u dak ġudizzjarju. Għalhekk, il-pakkett għandu l-għan li jsaħħa il-kooperazzjoni u l-komplementarjetà bejn iż-żewġ aġenziji, kif ukoll ma' atturi rilevanti oħra tal-Unjoni fl-oqsma tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u l-Arkitettura Kontra l-Frodi (AFA), bil-ħsieb li tiġi żgurata kontinwità bla xkiel bejn l-azzjoni tal-infurzar tal-liġi u s-segwitu ġudizzjarju fl-istadji kollha tal-katina tal-ġustizzja kriminali.

F'dan il-kuntest, l-emendi għall-qafas tal-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea u l-proposta preżenti jkomplu jikkontribwixxu għal dan l-oġettiv billi jiffaċilitaw kooperazzjoni transfruntiera effettiva, itejbu l-kundizzjonijiet għall-iskambju ta' informazzjoni u jiżguraw qafas legali koerenti adattat għar-realtajiet operazzjonali u l-iżviluppi teknoloġiċi. Meħdud flimkien, il-miżuri proposti f'dan il-pakkett se jsaħħu l-kapaċità tal-Unjoni li tirrispondi għat-thedd id għas-sigurtà li qed jevolvi filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u d-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-atturi differenti involuti.

B'mod partikolari, din il-proposta tidentifika d-denominaturi komuni kollha tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli għall-Europol u l-Eurojust, u tiġborhom flimkien fl-EUDPR, u b'hekk tneħħi l-frammentazzjoni u d-duplikazzjoni. Dan jippermetti li l-atti fundaturi tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni attivi fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-ġustizzja kriminali jżommu biss daww ir-regoli mfassla apposta dwar il-protezzjoni tad-data, żviluppanti biex jirriflettu l-ħtiġijiet operazzjonali u n-natura speċifiċi rispettivi tagħhom.

Il-proposta hija adottata b'mod parallel mar-reviżjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Europol u l-Eurojust, filwaqt li jiġi żgurati l-koerenza u l-allinjament fl-oqfsa legali rispettivi. Hija tantiċipa wkoll ir-reviżjoni li jmiss tal-att kostituttiv tal-UPPE tar-Regolament (UE) 2017/1939<sup>(2)</sup>, filwaqt li tqis l-iżviluppi futuri tiegħu u mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-għażliet ta' politika possibbli għar-reviżjoni tar-Regolament dwar l-UPPE. Dan l-approċċ ikkoordinat jikkontribwixxi għal qafas komprensiv u konsistenti għall-ipproċessar ta' data operazzjonali mill-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni.

## **2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

### **• Bażi legali**

Il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom hija dritt fundamentali stabbilit fl-Artikolu 8(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 16 tat-TFUE, li huwa l-bażi legali għall-adozzjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Dan l-Artikolu jippermetti għall-adozzjoni ta' regoli relatati mal-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni Ewropea meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu taħt l-ambitu tal-liġi tal-Unjoni. Dan jippermetti wkoll l-adozzjoni ta' regoli relatati mal-moviment liberu ta' data personali, inkluża data personali pproċessata minn daww l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, pp. 1–71, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj>)

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux Applikabbli

- **Proporzjonalità**

Mhux Applikabbli

- **Għażla tal-istrument**

Mhux Applikabbli

### 3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-ewwel rapport ta' applikazzjoni tal-EUDPR tal-2022 tal-Kummissjoni kkonkluda li, b'mod ġenerali, l-EUDPR qed jaħdem tajjeb u huwa adattat għall-iskop tiegħu. Fl-istess ħin, identifika l-ħtieġa għal intervent leġiżlattiv biex tiġi minimizzata l-frammentazzjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE li jipproċessaw data personali operazzjonali meta jwettqu attivitajiet fl-ambitu tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali (il-Kapitolu IX tal-EUDPR, il-“kapitolu dwar l-infurzar tal-liġi”).

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Saru konsultazzjonijiet immirati mal-partijiet ikkonċernati mal-entitajiet kollha attwalment jew soġġetti fil-futur għall-Kapitolu IX tal-EUDPR (jiġifieri l-Europol, l-Eurojust, l-UPPE, il-Frontex) kif ukoll mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, li huwa inkarigat mis-sorveljanza tal-konformità.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux Applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Valutazzjoni tal-impatt mhijiex meqjusa xierqa għal din l-inizjattiva minħabba l-ambitu limitat tagħha u n-natura fil-biċċa l-kbira teknika tal-emendi proposti. Il-proposta għandha fil-mira dispożizzjonijiet speċifiċi tal-EUDPR, li jaffettwaw biss grupp żgħir ta' entitajiet tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija, mingħajr ma jinbidel il-qafas ġenerali. Il-bidliet għandhom l-għan li jiżguraw reġim armonizzat aħjar u ma jinvolvux għażliet ta' politika ġodda, u huma mistennija li jkollhom impatt minimu u mhux kwantifikabbli fuq id-drittijiet fundamentali, u l-ebda implikazzjoni ekonomika, soċjali jew ambjentali. Barra minn hekk, l-aġenziji rilevanti diġà huma soġġetti għal evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt separati inkluż fir-rigward tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli għalihom. Valutazzjoni separata skont l-EUDPR tidduplika dan l-eżerċizzju. Il-proposta tallinja mal-impenn preċedenti tal-Kummissjoni fl-ewwel rapport tagħha dwar l-applikazzjoni tal-EUDPR tal-2022 u hija prevista evalwazzjoni ulterjuri tal-EUDPR fl-2027. Fl-aħħar nett, ma jinqalax tħassib dwar is-sussidjarjetà, peress li l-EUDPR japplika esklużivament għall-korpi tal-UE, li ma jistgħux jiġu rregolati mill-Istati Membri.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta tarmonizza u tissimplifika r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli għall-aġenziji, l-uffiċċji u l-korpi tal-Unjoni attivi fil-qasam tal-infurzar tal-liġi kriminali u l-ġustizzja kriminali. Billi tissimplifika r-regoli eżistenti, ittejjeb iċ-ċarezza u l-konsistenza

legali fil-qafas istituzzjonali kollu, u b'hekk tiffaċilita l-applikazzjoni tagħhom u tnaqqas il-kumplessità amministrattiva. Filwaqt li l-benefiċċji mhumiex faċilment kwantifikabbli, il-proposta hija mistennija li tnaqqas il-kostijiet tal-konformità u l-piżijiet amministrattivi assoċjati man-navigazzjoni ta' rekwiżiti differenti jew li jikkoinċidu. Il-proposta tappoġġa wkoll l-iżvilupp ta' kwalunkwe mekkaniżmu ta' skambju bejn l-atturi kkunsidrat fil-kuntest tar-rieżami tal-Arkitettura Kontra l-Frodi.

- **Drittijiet fundamentali**

In-natura mmirata tal-bidliet tiżgura li jinżamm il-livell eżistenti ta' protezzjoni tad-data, filwaqt li tipprevedi titjib fir-rigward tal-konsistenza tar-regoli applikabbli u aktar armonizzazzjoni.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Mhux Applikabbli

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux Applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 ikopri emendi għar-Regolament (UE) 2018/1725 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni.

Il-paragrafu (1) jissostitwixxi l-paragrafu 2 tal-Artikolu 2 u jwessa' l-ambitu tal-Artikoli 43, 44, 45, u l-Kapitoli VII u VIII tar-Regolament (UE) 2018/1725 għall-ipproċessar ta' data personali operazzjonali mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, mingħajr preġudizzju għal regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli għall-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni. Iħassar ukoll il-paragrafu 3 tal-Artikolu 2, u b'hekk testendi l-applikazzjoni tal-EUDPR għall-UPPE, mingħajr madankollu ma timmina l-ħtieġa li jinżammu, fir-Regolament dwar l-UPPE, regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data li jqisu n-natura distinta tal-UPPE bħala l-awtorità investigattiva u ta' prosekuzzjoni indipendenti tal-Unjoni.

Il-paragrafu (2) jipprevedi aġġustamenti tekniċi għall-formulazzjoni tal-Artikolu 45 dwar il-kompiti tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data, u jiżgura li l-kompiti msemmija jkopru wkoll l-ipproċessar ta' data operazzjonali.

Il-paragrafu (3) jiżgura li s-setgħa tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data skont l-Artikolu 66 tar-Regolament (UE) 2018/1725 li jimponi multi amministrattivi testendi għall-ipproċessar ta' data personali operazzjonali mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni.

Il-paragrafu (4) iħassar l-Artikolu 70 tar-Regolament (UE) 2018/1725, li huwa obsolet fid-dawl tad-definizzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar ta' data operazzjonali fl-Artikolu 2(2).

Il-paragrafu (5) jemenda l-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2018/1725 biex jiżgura l-allinjament mal-proposta Omnibus Diġitali u biex itejjeb iċ-ċertezza legali, billi jispeċifika li d-deċiżjonijiet ibbażati biss fuq l-ipproċessar awtomatizzat ta' data personali operazzjonali huma permissibbli meta jiġu ssodisfati kundizzjonijiet speċifiċi.

Il-paragrafu (6) jemenda l-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2018/1725 biex jiżgura l-allinjament mal-proposta Omnibus Diġitali billi jiċċara l-kunċett ta' talbiet abbużivi fil-kuntest tad-dritt ta' aċċess. B'mod partikolari, jispeċifika li talba tista' titqies manifestament infondata meta s-suġġett tad-data jiddependi fuq id-dritt ta' aċċess għal finijiet oħra għajr il-protezzjoni tad-data tiegħu. F'każijiet bħal dawn, il-kontrollur jista' jirrifjuta li jaġixxi fuq it-talba, filwaqt li jibqa' soġġett għall-obbligu li juri li t-talba hija manifestament bla bażi jew eċċessiva.

Il-paragrafu (7) jintroduċi Artikolu 87a ġdid fir-Regolament (UE) 2018/1725 dwar iż-żamma tar-rekords għad-data personali operazzjonali, f'allinjament mar-regoli tal-LED.

Il-paragrafi (8) u (9) iżidu salvagwardji addizzjonali għall-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2018/1725 dwar ir-reġistrazzjoni.

Il-paragrafu (10) jemenda l-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 biex jiżgura l-allinjament mal-proposta Omnibus Diġitali billi jestendi l-iskadenza għan-notifika ta' ksur ta' data personali lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data minn 72 siegħa għal 96 siegħa. Iżid ukoll il-livell limitu tan-notifika billi jipprevedi li n-notifika tkun meħtieġa biss meta l-ksur ta' data personali x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi.

Il-paragrafi (11) u (12) jissimplifikaw il-qafas legali li jirregola t-trasferimenti ta' data personali operazzjonali lil pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, billi jallinjawhom mal-qafas stabbilit fid-Direttiva (UE) 2016/680. L-emendi jipprovdu sett uniformi ta' regoli applikabbli għall-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni attivi fil-qasam tal-infurzar tal-liġi kriminali u l-ġustizzja kriminali, filwaqt li jqisu l-kuntest operazzjonali u legali speċifiku tagħhom, inklużi l-ftehimiet ta' kooperazzjoni. Dawn jipprevedu li t-trasferimenti lejn pajjiżi b'deċiżjoni ta' adegwatezza jkunu permessi mingħajr awtorizzazzjoni ulterjuri; fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, it-trasferimenti huma permessi jekk ikun hemm fis-seħħ salvagwardji xierqa permezz ta' strument legalment vinkolanti, jew valutazzjoni ta' kontrollur; u f'xenarji speċifiċi fejn la teżisti deċiżjoni ta' adegwatezza u lanqas salvagwardji xierqa, japplikaw ċerti derogi. Fl-aħħar nett, dawn jipprevedu wkoll trasferimenti ta' data personali operazzjonali lil riċevituri li mhumix awtoritajiet kompetenti stabbiliti f'pajjiżi terzi f'każijiet speċifiċi dment li l-kundizzjonijiet elenkati fihom jiġu ssodisfati, inkluż meta l-kuntatt ma' awtorità kompetenti f'pajjiżi terzi jista' jkun ineffettiv jew mhux xieraq u li t-trasferiment ikun strettament meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tal-kontrollur.

Il-paragrafu (13) jissimplifika s-setgħat tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għad-data personali operazzjonali għall-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni attivi fil-qasam tal-infurzar tal-liġi kriminali u l-ġustizzja kriminali, f'konformità mas-setgħat tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data applikabbli għall-Europol mill-2022.

L-Artikolu 2 jiċċara meta jidħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet ġodda.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali hija dritt fundamentali. L-Artikolu 8(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 16(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedu li kull persuna għandha dritt għall-protezzjoni tad-data personali li tirrigwardaha. Dan id-dritt huwa wkoll garantit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup> jistabbilixxi l-qafas legali għall-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. Madankollu, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data dwar l-ipproċessar ta' data personali operazzjonali mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Kapitolu 4 jew tal-Kapitolu 5 tat-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE jibqgħu stabbiliti b'mod frammentat bejn il-Kapitolu IX tar-Regolament (UE) 2018/1725 u atti legali oħra tal-Unjoni. L-Artikolu 98 ta' dak ir-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrieżamina r-regoli applikabbli għall-ipproċessar ta' data personali operazzjonali, bil-ħsieb li tidentifika inkonsistenzi, lakuni u diverġenzi possibbli. Jipprevedi wkoll li l-Kummissjoni, fejn xieraq, tindirizza n-nuqqasijiet identifikati permezz ta' proposta leġiżlattiva, b'mod partikolari biex testendi l-applikazzjoni tal-Kapitolu IX għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939<sup>(2)</sup>, kif xieraq, u biex tintroduċi l-adattamenti meħtieġa għal dak il-Kapitolu. Fl-ewwel rapport

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/EC (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj>).

ta' applikazzjoni tagħha dwar ir-Regolament (UE) 2018/1725, il-Kummissjoni kkonfermat l-effettività ġenerali tar-Regolament fl-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali, filwaqt li enfazzzja għadd ta' inkonsistenzi, diverġenzi u frammentazzjoni legali li jirriżultaw mill-interazzjoni bejn il-Kapitolu IX u d-dispożizzjonijiet l-oħra tar-Regolament (UE) 2018/1725, kif ukoll l-eżistenza ta' reġim awtonomu ta' protezzjoni tad-data għall-UPPE.

- (3) Bħalissa, l-Artikolu 3 u l-Kapitolu IX biss tar-Regolament (UE) 2018/1725 japplikaw għall-ipproċessar ta' data personali operazzjonali, flimkien ma' għadd ta' regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data stabbiliti fl-atti kostituttivi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust). Fl-istess ħin, l-UPPE għandu r-reġim awtonomu tiegħu tal-protezzjoni tad-data fl-att kostituttiv tiegħu. Għalhekk, jenħteġ li r-Regolament (UE) 2018/1725 jiġi emendat sabiex l-applikazzjoni tal-Kapitolu IX tiegħu tiġi estiża għall-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni li jipproċessaw data personali operazzjonali fis-settur tal-infurzar tal-liġi u tal-ġustizzja kriminali, biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali billi jiġu indirizzati l-lakuni fir-reġim attwali tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u biex jiġu ssimplifikati r-regoli dwar it-trasferimenti internazzjonali ta' data personali, kif ukoll ir-regoli dwar is-setgħat tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Jenħteġ li dak ma jaffettwax il-possibbiltà li jinżammu, fir-Regolament (UE) 2017/1939, ir-regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data meħtieġa biex jirriflettu n-natura unika tal-UPPE bħala l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku indipendenti tal-Unjoni.
- (4) Sabiex jinħoloq qafas legali armonizzat, konsistenti, simplifikat u komplut għall-ipproċessar ta' data personali operazzjonali mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, id-definizzjonijiet (il-Kapitolu I), ir-regoli dwar l-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data (it-Taqsima 6 tal-Kapitolu IV), ir-regoli dwar il-kooperazzjoni u l-konsistenza (il-Kapitolu VII), ir-regoli dwar ir-rimedji, ir-responsabbiltà u l-penali (il-Kapitolu VIII) u r-regoli dwar l-ipproċessar ta' data personali operazzjonali (li jenħteġ li jiġu allinjati mad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(3)</sup> – il-Kapitolu IX) stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1725 jenħteġ li japplikaw għall-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Kapitolu 4 jew tal-Kapitolu 5 tat-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE. Jenħteġ li daww ir-regoli japplikaw meta jeżerċitaw tali attivitajiet għall-finijiet tal-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali. Jenħteġ li daww ir-regoli japplikaw ukoll għall-ipproċessar ta' data personali operazzjonali mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, aktar milli l-Kapitolu IX biss tar-Regolament (UE) 2018/1725. Jenħteġ li r-regoli tar-Regolament (UE) 2018/1725 japplikaw mingħajr ma jaffettwaw ir-regoli speċifiċi applikabbli għall-ipproċessar ta' data personali operazzjonali mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Kapitolu 4 jew tal-Kapitolu 5 tat-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE, b'mod partikolari r-regoli stabbiliti fl-atti kostituttivi tal-Europol, tal-Eurojust u tal-UPPE. Tali regoli speċifiċi jeħtieġ li jitqiesu bħala *lex specialis* għad-

(3) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/680/oj>).

dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1725 dwar l-ipproċessar ta' data personali operazzjonali.

- (5) Uffiċjal tal-protezzjoni tad-data fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni jeħtieġ li jiżgura li jiġu applikati r-regoli kollha dwar il-protezzjoni tad-data, inkluż ir-Regolament (UE) 2018/1725. Jenħtieġ li l-uffiċjali ukoll jagħtu pariri lill-kontrolluri u lill-proċessuri dwar l-obbligi tagħhom. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u tiġi evitata d-duplikazzjoni, fi kwistjonijiet kemm ta' data personali amministrattiva kif ukoll operazzjonali, jenħtieġ li jkun hemm sett wieħed biss ta' regoli għall-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data.
- (6) Jenħtieġ li l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, bħala miżura tal-aħħar istanza, ikollu s-setgħa li jimponi multi amministrattivi, inkluż għall-ipproċessar ta' data personali operazzjonali mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni attivi fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-ġustizzja kriminali.
- (7) Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni fir-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li l-Artikolu 70 tiegħu jiġihassar, peress li l-ambitu tal-Kapitolu IX diġà huwa rregolat fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1725.
- (8) Sabiex jiġi żgurat l-allinjament mar-Regolament (UE).../... [*il-proposta Omnibus Diġitali*], jenħtieġ li jiġi ċċarat fl-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2018/1725 li deċiżjonijiet ibbażati biss fuq l-ipproċessar awtomatizzati ta' data personali operazzjonali huma permessi meta jiġu ssodisfati kundizzjonijiet speċifiċi.
- (9) Sabiex jiġi żgurat l-allinjament mar-Regolament (UE).../... [*il-proposta dwar l-Omnibus Diġitali*], jenħtieġ li jiġi ċċarat fl-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2018/1725 li d-dritt ta' aċċess, li mill-bidu nett huwa favorevoli għas-suġġetti tad-data, jenħtieġ li ma jiġix abbużat fis-sens li s-suġġetti tad-data jabbużawh għal skopijiet oħra għajr il-protezzjoni tad-data tagħhom.
- (10) Sabiex tintwera l-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni attivi fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-ġustizzja kriminali jeħtieġ li jkollhom regoli uniformi dwar iż-żamma ta' rekords rigward il-kategoriji kollha ta' attivitajiet ta' pproċessar taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Jenħtieġ li kull kontrollur u proċessur ikun obligat jikkoopera mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u jagħmel dawk ir-rekords disponibbli għalih fuq talba, sabiex ikunu jistgħu jservu għall-monitoraġġ ta' dawk l-operazzjonijiet ta' pproċessar.
- (11) Jenħtieġ li l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni ma jkunux jistgħu jimmodifikaw ir-reġistri. Meta l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jirċievu data personali operazzjonali mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jenħtieġ li l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jikkomunikaw ir-reġistri lil dawk l-awtoritajiet, meta jkunu meħtieġa għal investigazzjonijiet interni ta' konformità mal-protezzjoni tad-data.
- (12) Sabiex jiġi żgurat l-allinjament mar-Regolament (UE).../... [*il-proposta Omnibus Diġitali*], jenħtieġ li l-livell limitu jkun oġġetiv u jenħtieġ li tiġi estiża skadenza għan-notifika ta' ksur ta' data personali lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.
- (13) Jenħtieġ li l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni attivi fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-ġustizzja kriminali kollha jibbenefikaw minn sett uniformi ta' regoli dwar it-trasferimenti internazzjonali ta' data personali operazzjonali, allinjati mad-Direttiva (UE) 2016/680.
- (14) Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2016/680, li pajjiż terz, territorju jew settur speċifikat f'pajjiż terz jew organizzazzjoni

internazzjonali joffri livell adegwat ta' protezzjoni tad-data. F'każijiet bħal dawn, it-trasferimenti ta' data personali operazzjonali lil dak il-pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali minn korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni jistgħu jsiru mingħajr il-ħtieġa li tinkiseb xi awtorizzazzjoni ulterjuri.

- (15) Trasferimenti li mhumiex ibbażati fuq tali deċiżjoni ta' adegwatezza jeħtieġ ikunu permessi biss fejn jiġu pprovduti salvagwardji adegwati fi strument legalment vinkolanti li jiżgura il-protezzjoni tad-data personali jew fejn il-kontrollur ikun ivvaluta ċ-ċirkustanzi kollha dwar it-trasferiment tad-data u, abbażi ta' dik il-valutazzjoni, jikkunsidra li jeżistu salvagwardji adatti fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali. Tali strumenti legalment vinkolanti jistgħu, pereżempju, ikunu ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-Eurojust u pajjiż terz konklużi qabel it-12 ta' Diċembru 2019 f'konformità mal-Artikolu 26a tad-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI, ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-Europol u pajjiż terz konklużi qabel l-1 ta' Mejju 2017 f'konformità mal-Artikolu 23 tad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI, jew ftehimiet internazzjonali konklużi bejn l-Unjoni u pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-TFUE.
- (16) Fejn ma teżisti l-ebda deċiżjoni ta' adegwatezza jew salvagwardja xierqa, trasferiment jew kategorija ta' trasferimenti jistgħu jseħħu b'deroga f'sitwazzjonijiet speċifiċi. Jenħtieġ li dawk id-derogi jkunu interpretati b'mod ristrett u ma jippermettux it-trasferimenti frekwenti, massivi u strutturali ta' data personali jew trasferimenti fuq skala kbira ta' data iżda jkunu limitati għad-data strettament meħtieġa. Jenħtieġ li trasferimenti bħal dawn jiġu dokumentati u jkunu disponibbli għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fuq talba sabiex tiġi ssorveljata l-legalità tat-trasferiment.
- (17) F'każijiet individwali speċifiċi, il-proċeduri regolari li jirrikjedu kuntatt ma' awtorità kompetenti f'pajjiż terz jistgħu jkunu ineffettivi jew mhux xierqa, b'mod partikolari minħabba li t-trasferiment ma setax jitwettaq fil-ħin, jew minħabba li dik l-awtorità fil-pajjiż terz ma tirrispettax l-istat tad-dritt jew in-normi u l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Dan jista' jkun il-każ meta jkun hemm ħtieġa urġenti li tiġi ttrasferita data personali lil kumpanija privata f'pajjiż terz sabiex tirċievi informazzjoni dwar awtur mhux magħruf ta' reat online, jew biex tiġi salvata l-ħajja ta' persuna li tkun fil-periklu li ssir vittima ta' reat kriminali, jew fl-interess tal-prevenzjoni ta' twettiq imminenti ta' reat, inkluż it-terroriżmu. F'każijiet bħal dawn, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jistgħu jiddeċiedu li jittrasferixxu data personali operazzjonali direttament lil riċevituri li mhumiex awtoritajiet kompetenti, stabbiliti f'dawk il-pajjiżi terzi.
- (18) Jenħtieġ li l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jkollu sett uniformi ta' setgħat applikabbli għall-ipproċessar ta' data personali operazzjonali mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni attivi fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-ġustizzja kriminali. Tali setgħat diġà ilhom applikabbli għall-Europol mill-2022, pereżempju, l-ordni lill-kontrollur tad-data biex jiżgura l-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725, l-ordni tas-sospensjoni tal-flussi tad-data lil riċevitur fi Stat Membru, pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, jew l-impożizzjoni ta' multa amministrattiva fil-każ ta' nuqqas ta' konformità bl-ordni tiegħu.
- (19) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fi XX XX 2026.

*Artikolu 1*

Emendi fir-[Regolament \(UE\) 2018/1725](#)

[Ir-Regolament \(UE\) 2018/1725](#) huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:
  - (a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-Artikoli 3, 43, 44, 45 u l-Kapitoli VII, VIII u IX biss ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-ipproċessar ta' data personali operazzjonali mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Kapitolu 4 jew il-Kapitolu 5 tat-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE, mingħajr ma jaffettwaw regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli għal tali korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni.”
  - (b) il-paragrafu 3 jiġihassar;
2. fl-Artikolu 45(1), il-punti (d), (e) u (f) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“ (d) li jipprovdi pariri meta mitlub fir-rigward tal-ħtieġa ta' notifika jew ta' komunikazzjoni ta' ksur ta' data personali skont l-Artikoli 34 u 35, jew l-Artikoli 92 u 93;

(e) li jipprovdi pariri meta mitlub fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u jissorvelja t-tweġġ tagħha skont l-Artikolu 39 jew l-Artikolu 89 u li jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f'każ ta' dubju dwar il-bżonn ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data;

(f) li jagħti pariri meta mitlub fir-rigward tal-ħtieġa ta' konsultazzjoni minn qabel tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data skont l-Artikolu 40 jew l-Artikolu 90; li jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f'każ ta' dubju dwar il-ħtieġa ta' konsultazzjoni minn qabel;”
3. fl-Artikolu 66(1), l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“1. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jista' jimponi multi amministrattivi fuq l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, skont iċ-ċirkustanzi ta' kull każ individwali, meta istituzzjoni jew korp jonqsu milli jikkonformaw ma' ordni mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data skont l-Artikolu 58(2), il-punti (d) sa (h) u (j), jew skont l-Artikolu 95a(3), il-punti (c), (e), (f), (j) u (k).”
4. L-Artikolu 70 huwa mħassar.
5. Fl-Artikolu 77, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Deċiżjoni li tipproduċi effetti legali għal suġġett tad-data jew li bl-istess mod taffettwaw b'mod sinifikanti tista' tkun ibbażata biss fuq ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profil, biss meta dik id-deċiżjoni tkun awtorizzata mil-liġi tal-Unjoni li għaliha jkun soġġett il-kontrollur u li tistabbilixxi wkoll miżuri xierqa għas-salvagwardja tad-drittijiet u l-libertajiet u l-interessi leġittimi tas-suġġett tad-data, mill-inqas id-dritt li jinkiseb intervent uman min-naħa tal-kontrollur.”
6. Fl-Artikolu 78, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Il-kontrollur għandu jipprovdi l-informazzjoni skont l-Artikolu 79 u kwalunkwe komunikazzjoni magħmula u azzjoni meħuda skont l-Artikoli 80 sa 84 u 92 mingħajr ħlas. Meta t-talbiet minn suġġett tad-data jkunu manifestament bla bażi jew eċċessivi, b’mod partikolari minħabba n-natura ripetittiva tagħhom jew, għal talbiet skont l-Artikolu 80 meta s-suġġett tad-data jabbuża mid-dritt ta’ aċċess għal finijiet oħra għajr il-protezzjoni tad-data tiegħu, il-kontrollur jista’ jirrifjuta li jieħu azzjoni fuq it-talba. Il-kontrollur għandu jerfa’ l-piż li juri li t-talba hija manifestament infondata jew li hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li hija eċċessiva.”

7. jiddaħħal l-Artikolu 87 a li ġej:

“Artikolu 87a

Rekords ta’ kategoriji ta’ attivitajiet ta’ pproċessar ta’ data personali operazzjonali

1. Kull kontrollur għandu jżomm rekord tal-kategoriji kollha ta’ attivitajiet ta’ pproċessar ta’ data personali operazzjonali taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Dak ir-rekord għandu jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) id-dettalji ta’ kuntatt tal-kontrollur u l-isem u d-dettalji ta’ kuntatt tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data, u, fejn applikabbli, id-dettalji ta’ kuntatt tal-kontrollur konġunt;

(b) il-finijiet tal-ipproċessar;

(c) il-kategoriji ta’ riċevituri li lilhom tkun ġiet żvelata jew tkun ser tiġi żvelata d-data personali inkluż partijiet privati u riċevituri f’pajjiżi terzi jew f’organizzazzjonijiet internazzjonali;

(d) deskrizzjoni tal-kategoriji ta’ suġġetti tad-data u tal-kategoriji ta’ data personali;

(e) fejn applikabbli, l-użu tat-tfassil ta’ profil;

(f) fejn applikabbli, il-kategoriji tat-trasferimenti tad-data personali lil parti privata, pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali;

(g) indikazzjoni tal-bażi legali għall-operazzjoni ta’ pproċessar, inklużi t-trasferimenti, li għaliha tkun maħsuba d-data personali;

(h) fejn ikun possibbli, il-limiti ta’ żmien previsti għat-tħassir tal-kategoriji ta’ data differenti;

(i) fejn ikun possibbli, deskrizzjoni ġenerali tal-miżuri tekniċi u organizzattivi ta’ sigurtà msemmija fl-Artikolu 91(1).

2. Il-proċessur għandu jżomm regjistru tal-kategoriji kollha ta’ attivitajiet ta’ pproċessar imwettqa f’isem kontrollur, li jkun fih:

(a) id-dettalji ta’ kuntatt tal-proċessur jew tal-proċessuri, ta’ kull kontrollur li f’ismu jkun qed jaġixxi l-proċessur u d-dettalji ta’ kuntatt tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data;

(b) il-kategoriji tal-ipproċessar imwettaq f’isem kull kontrollur;

(c) fejn applikabbli, it-trasferimenti ta’ data personali lil parti privata, pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali fejn għandu struzzjonijiet espliċiti mill-kontrollur biex jagħmel dan, inkluża l-identifikazzjoni ta’ dak il-pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali;

(d) fejn ikun possibbli, deskrizzjoni ġenerali tal-miżuri tekniċi u organizzattivi ta’ sigurtà msemmija fl-Artikolu 91(1).

3. Ir-reġistru msemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun bil-miktub, inkluż f'forma elettronika. Il-kontrollur u l-proċessur għandhom jagħmlu dawk ir-rekords disponibbli għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fuq talba.”
8. fl-Artikolu 88(1), tiżdied is-sentenza li ġejja:  
“Ma għandux ikun possibbli li r-reġistri jiġu modifikati.”
9. fl-Artikolu 88(3), tiżdied is-sentenza li ġejja:  
“Jekk ikun meħtieġ mill-awtorità nazzjonali kompetenti għal investigazzjoni speċifika relatata mal-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, ir-reġistri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu kkomunikati lil dik l-awtorità.”
10. Fl-Artikolu 92, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:  
“1. Fil-każ ta’ ksur ta’ data personali li x’aktarx jirriżulta f’riskju għoli għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni fiżiċi, il-kontrollur għandu, mingħajr dewmien u, fejn fattibbli, mhux aktar tard minn 96 siegħa wara li jkun sar konxju tiegħu, jinnotifika l-ksur ta’ data personali lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Fejn innotifika lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ma ssirx fi żmien 96 siegħa, din għandha tkun akkumpanjata mir-raġunijiet għad-dewmien.”
11. L-Artikolu 94 huwa sostitwit b’dan li ġej:  
“Artikolu 94  
Prinċipji ġenerali għat-trasferimenti ta’ data personali operazzjonali lil pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali  
1. Il-kontrollur jista’ jittrasferixxi data personali operazzjonali lil pajjiżi jew lil organizzazzjoni internazzjonali, suġġett għall-konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data u mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ dan ir-Regolament, u biss meta l-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:  
(a) it-trasferiment ikun meħtieġ għat-tweqqif tal-kompiti tal-kontrollur;  
(b) l-awtorità tal-pajjiżi jew tal-organizzazzjoni internazzjonali li lilha tiġi ttrasferita d-data personali operazzjonali tkun kompetenti f’materji ta’ infurzar tal-liġi jew ta’ ġustizzja kriminali;  
(c) meta d-data personali operazzjonali li tkun se tiġi ttrasferita tkun intbagħtet jew saret disponibbli għall-kontrollur minn Stat Membru jew minn korp, uffiċċju u aġenzija tal-Unjoni, il-kontrollur għandu jikseb awtorizzazzjoni minn qabel għat-trasferiment mill-awtorità kompetenti rilevanti ta’ dak l-Istat Membru jew mill-korp, l-uffiċċju u l-aġenzija tal-Unjoni f’konformità mal-liġi applikabbli tiegħu, sakemm dak l-Istat Membru jew il-korp, l-uffiċċju u l-aġenzija tal-Unjoni ma jkunux awtorizzaw tali trasferimenti f’termini ġenerali jew soġġetti għal kundizzjonijiet speċifiċi;  
(d) fil-każ ta’ trasferiment ulterjuri lejn pajjiżi jew jew organizzazzjoni internazzjonali oħra minn pajjiżi jew jew organizzazzjoni internazzjonali, il-kontrollur għandu jeżiġi li l-pajjiżi jew l-organizzazzjoni internazzjonali li jkunu qed jittrasferixxu jiksibu l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-kontrollur għal dak it-trasferiment ulterjuri;  
(e) il-kontrollur għandu jipprovdi biss awtorizzazzjoni skont il-punt (d) bl-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Istat Membru jew tal-korp, l-uffiċċju u l-aġenzija tal-Unjoni li minnhom toriġina d-data, fejn applikabbli, wara li

jitqiesu kif xieraq il-fatturi rilevanti kollha, inkluż is-serjetà tar-reat kriminali, il-fini li għalih id-data personali operazzjonali kienet oriġinarjament ittrasferita u l-livell ta' protezzjoni tad-data personali fil-pajjiż terz jew fl-organizzazzjoni internazzjonali li lilhom tiġi ttrasferita ulterjorment id-data personali operazzjonali.

2. Suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-kontrollur jista' jittrasferixxi data personali operazzjonali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 94a, 94b, 94c jew 94d.

3. Mingħajr ma jaffettwa l-Artikolu 94c, il-kontrollur jista' jittrasferixxi data personali operazzjonali lil awtorità kompetenti ta' pajjiż assoċjat mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li jkun implimenta u japplika b'mod effettiv id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2016/680, u d-dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2023/977.

4. Il-kontrollur jista' f'każijiet urġenti jittrasferixxi data personali operazzjonali mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel minn Stat Membru jew korp, uffiċċju u aġenzija tal-Unjoni f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (c). Il-kontrollur għandu biss jagħmel dan jekk it-trasferiment tad-data personali operazzjonali jkun meħtieġ għall-prevenzjoni ta' theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz jew għall-interessi essenzjali ta' Stat Membru, u meta l-awtorizzazzjoni minn qabel ma tkunx tista' tinkiseb fi żmien xieraq. L-awtorità responsabbli għall-għoti ta' awtorizzazzjoni minn qabel għandha tkun infurmata mingħajr dewmien.

5. Id-dispożizzjonijiet kollha dwar it-trasferimenti internazzjonali f'dan il-Kapitolu għandhom jiġu applikati sabiex jiġi żgurat li ma jiġix imminat il-livell ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi żgurati minn dan ir-Regolament."

12. jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 94a

Trasferimenti abbażi ta' deċiżjoni ta' adegwatezza

Il-kontrollur jista' jittrasferixxi data personali operazzjonali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali fejn il-Kummissjoni tkun iddeċidiet f'konformità mal-[Artikolu 36 tad-Direttiva \(UE\) 2016/680](#) li l-pajjiż terz, territorju jew settur speċifikat wieħed jew aktar f'dak il-pajjiż terz, jew l-organizzazzjoni internazzjonali inkwistjoni, jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni.

Artikolu 94b

Trasferimenti suġġetti għal salvagwardji xierqa

1. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, il-kontrollur jista' jittrasferixxi data personali operazzjonali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali meta:

- (a) salvagwardji xierqa fir-rigward tal-protezzjoni ta' data personali operazzjonali ikunu previsti fi strument legalment vinkolanti;
- (b) jew il-kontrollur ikun iġvaletta ċ-ċirkustanzi kollha tat-trasferiment ta' data personali operazzjonali u jkun ikkonkluda li jeżistu salvagwardji xierqa fir-rigward tal-protezzjoni ta' data personali operazzjonali.

2. L-istrument legalment vinkolanti skont il-paragrafu 1, il-punt (a) għandu jkun:

- (a) ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali skont l-[Artikolu 218 tat-TFUE](#) li jipprovdi għal salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza, il-protezzjoni tad-data u d-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tal-individwi;
- (b) ikun ġie konkluż ftehim ta' kooperazzjoni li jippermetti l-iskambju ta' data personali operazzjonali qabel it-12 ta' Diċembru 2019 bejn il-Eurojust u dak il-pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, f'konformità mal-[Artikolu 26a tad-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI](#); jew
- (c) ftehim ta' kooperazzjoni li jippermetti l-iskambju ta' data personali operazzjonali konkluż qabel l-1 ta' Mejju 2017 bejn il-Europol u dak il-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali f'konformità mal-[Artikolu 23 tad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI](#).

3. Il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jistgħu jidħlu f'arranġamenti ta' ħidma biex jistabbilixxu l-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 2.

4. Il-kontrollur għandu jinforma lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar kategoriji ta' trasferimenti skont il-paragrafu 1, il-punt (b).

5. Meta trasferiment ikun ibbażat fuq il-paragrafu 1, il-punt (b), tali trasferiment għandu jkun dokumentat u d-dokumentazzjoni għandha tkun disponibbli għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fuq talba. Id-dokumentazzjoni għandha tinkludi rekord tad-data u l-ħin tat-trasferiment u informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti li tirċevih, dwar il-ġustifikazzjoni għat-trasferiment u dwar id-data personali operazzjonali trasferita.

Artikolu 94c

Derogi għal sitwazzjonijiet speċifiċi

1. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, jew ta' salvagwardji adatti skont l-Artikolu 94b, il-kontrollur jista' jittrasferixxi data personali operazzjonali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali biss bil-kondizzjoni li t-trasferiment ikun meħtieġ:

- (a) għall-protezzjoni tal-interessi vitali tas-suġġett tad-data jew ta' persuna oħra;
- (b) għas-salvagwardja tal-interessi leġittimi tas-suġġett tad-data;
- (c) għall-prevenzjoni ta' theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz;
- (d) jew f'każijiet individwali għat-twettiq tal-kompiti tal-kontrollur, sakemm il-kontrollur ma jiddeċidix li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-data kkonċernat jieħdu preċedenza fuq l-interess pubbliku fit-trasferiment.

2. Meta trasferiment ikun ibbażat fuq il-paragrafu 1, tali trasferiment għandu jkun dokumentat u d-dokumentazzjoni għandha tkun disponibbli għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fuq talba. Id-dokumentazzjoni għandha tinkludi rekord tad-data u l-ħin tat-trasferiment u informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti li tirċevih, dwar il-ġustifikazzjoni għat-trasferiment u dwar id-data personali operazzjonali trasferita.

Artikolu 94d

Trasferiment ta' data personali operazzjonali lil riċevituri stabbiliti f'pajjiżi terzi

1. B'deroga mill-Artikolu 94(1), il-punt (b), u mingħajr ma jaffettwa l-ebda ftehim internazzjonali msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-kontrollur, f'każijiet individwali u speċifiċi, jista' jittrasferixxi data personali operazzjonali direttament lil riċevituri stabbiliti f'pajjiżi terzi biss jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) it-trasferiment ikun strettament meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tal-kontrollur, għall-finijiet li għalihom jitħalla jipproċessa data personali operazzjonali;
- (b) il-kontrollur jiddetermina li l-ebda dritt u libertà fundamentali tas-suġġett tad-data kkonċernat ma jieħu preċedenza fuq l-interess pubbliku li jkun jeħtieġ it-trasferiment fil-każ inkwistjoni;
- (c) il-kontrollur iqis li t-trasferiment lil awtorità kompetenti fil-pajjiż terz huwa ineffettiv jew mhux xieraq, b'mod partikolari minħabba li t-trasferiment ma jistax jinkiseb fi żmien xieraq;
- (d) l-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz tiġi infurmata mingħajr dewmien żejjed, sakemm dan ma jkunx ineffettiv jew mhux xieraq;
- (e) il-kontrollur jinforma lir-riċevitur dwar il-fini jew il-finijiet speċifikati li għalihom id-data personali operazzjonali għandha biss tiġi pproċessata minn dan tal-aħħar dment li dan l-ipproċessar huwa neċessarju.

2. Ftehim internazzjonali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun kwalunkwe ftehim bilaterali jew multilaterali internazzjonali fis-seħħ bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija.

3. Meta trasferiment ikun ibbażat fuq il-paragrafu 1, tali trasferiment għandu jkun dokumentat u d-dokumentazzjoni għandha ssir disponibbli għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fuq talba, inklużi d-data u l-ħin tat-trasferiment, u informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti li tirċievih, dwar il-ġustifikazzjoni għat-trasferiment u dwar id-data personali operazzjonali trasferita.”

13. jiddaħħal l-Artikolu 95a li ġej:

“Artikolu 95a

Superviżjoni mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

1. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ u għall-iżgurar tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali operazzjonali mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni, u għall-għoti ta' pariri lilhom u lis-suġġetti tad-data dwar il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw l-ipproċessar ta' data personali operazzjonali. Għal dak il-fini, huwa għandu jwettaq id-dmirijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 u jeżerċita s-setgħat stabbiliti fil-paragrafu 3, filwaqt li jikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali.

2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jkollu d-dmirijiet li ġejjin:

- (a) is-smiġħ u l-investigazzjoni ta' lmenti, u jinforma lis-suġġett tad-data dwar ir-riżultat f'perijodu raġonevoli ta' żmien; it-twettiq ta' inkjesti fuq inizjattiva tiegħu

stess jew fuq il-bażi ta' lment, u jinforma lis-suġġetti tad-data dwar ir-riżultat f'perijodu raġonevoli ta' żmien;

(b) il-monitoraġġ u l-iżgurar tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u ta' kwalunkwe att ieħor tal-Unjoni relatat mal-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali operazzjonali mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni;

(c) l-għoti ta' pariri lill-korpi, lill-uffiċċji u lill-aġenziji tal-Unjoni, fuq inizjattiva proprja jew bi tweġiba għal konsultazzjoni, dwar il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw l-ipproċessar ta' data personali operazzjonali, b'mod partikolari qabel ma jfasslu regoli interni relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali operazzjonali;

(d) iż-żamma ta' reġistru ta' tipi ġodda ta' operazzjonijiet ta' pproċessar notifikati lilu jew lilha;

(e) it-tweġiti ta' konsultazzjoni minn qabel dwar l-ipproċessar notifikat lilu.

3. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jista' skont dan ir-Regolament:

(a) jagħti pariri lis-suġġetti tad-data fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom;

(b) jirreferi kwistjoni lill-korp, uffiċċju u aġenzija tal-Unjoni fil-każ ta' allegat ksur tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-ipproċessar ta' data personali operazzjonali, u, fejn xieraq, jagħmel proposti għar-rimedjar ta' dak il-ksur u għat-titjib tal-protezzjoni tas-suġġetti tad-data;

(c) jordna li t-talbiet għall-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet fir-rigward tad-data personali operazzjonali jiġu rrispettati meta tali talbiet ikunu ġew irrifjutati bi ksur tar-regoli applikabbli dwar id-drittijiet tas-suġġett tad-data;

(d) iwissi jew iwiddeb lill-korp, lill-uffiċċju jew lill-aġenzija tal-Unjoni;

(e) jordna lill-korp, uffiċċju u aġenzija tal-Unjoni tagħmel ir-rettifika, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew id-distruzzjoni ta' data personali li tkun ġiet ipproċessata bi ksur tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-ipproċessar tad-data personali operazzjonali u jinotifikaw tali azzjonijiet lill-partijiet terzi li lilhom tkun ġiet żvelata tali data;

(f) jimponi projbizzjoni temporanja jew definittiva fuq l-operazzjonijiet ta' pproċessar mill-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija tal-Unjoni li jiksru d-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-ipproċessar ta' data personali operazzjonali;

(g) jirreferi l-kwistjonijiet lill-kontrollur jew lill-proċessur ikkonċernat u, jekk hemm bżonn, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni;

(h) jirreferi kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont il-kundizzjonijiet previsti fit-TFUE;

(i) jintervjeni fl-azzjonijiet miġjuba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

(j) jordna lill-kontrollur jew lill-proċessur iġib l-operazzjonijiet ta' pproċessar f'konformità ma' dan ir-Regolament u, fejn applikabbli, mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data stabbiliti fl-att fundatur tal-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija tal-Unjoni, fejn xieraq, b'mod speċifikat u fi żmien perijodu speċifikat;

(k) jordna s-sospensjoni ta' flussi ta' data lejn riċevitur fi Stat Membru, f'pajjiż terz jew lejn organizzazzjoni internazzjonali;

(l) jimponi multa amministrattiva skont l-Artikolu 66 f'każ ta' nuqqas ta' konformità mill-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija tal-Unjoni ma' waħda mill-miżuri msemmijin fil-punti (c), (e), (f), (j) u (k) ta' dan il-paragrafu, skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali.

4. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jkollu s-setgħa li:

- (a) jikseb aċċess mill-korp, l-uffiċċju u l-aġenzija tal-Unjoni għad-data personali operazzjonali kollha u għall-informazzjoni kollha meħtieġa għall-inkjesti tiegħu;
- (b) jikseb aċċess għal kwalunkwe bini li fih il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija tal-Unjoni jwettqu l-attivitajiet tagħhom meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jippreżumi li hemmhekk tkun qed titwettaq attività koperta minn dan il-Kapitolu.

5. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jħejji rapport annwali dwar l-attivitajiet superviżorji tiegħu fir-rigward tal-kontrolluri skont dan il-Kapitolu. Dak ir-rapport għandu jkun parti mir-rapport annwali tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data msemmi fl-Artikolu 60.

Il-KEPD għandu jistieden lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali sabiex jippreżentaw osservazzjonijiet dwar dik il-parti tar-rapport annwali qabel mar-rapport annwali jiġi adottat. Il-KEPD għandu jieħu kont sħiħ ta' dawk l-osservazzjonijiet u għandu jirreferihom fir-rapport annwali.

Il-parti tar-rapport annwali msemmi fit-tieni subparagrafu għandu jinkludi informazzjoni statistika dwar ilmenti, inkjesti, u investigazzjonijiet, kif ukoll dwar trasferimenti ta' data personali operazzjonali lil pajjiżi terzi u lil organizzazzjonijiet internazzjonali, każijiet ta' konsultazzjoni minn qabel tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u l-użu tas-setgħat stipulati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

6. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, l-uffiċjali u l-membri l-oħra tal-persunal tas-Segretarjat tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom ikunu marbuta bl-obbligu ta' kunfidenzjalità, f'konformità mal-Artikolu 95."

## *Artikolu 2*

### **Dħul fis-seħħ**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Madankollu, dan ir-Regolament għandu japplika għall-ipproċessar ta' data personali operazzjonali mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew minn [*id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament il-ġdid dwar l-UPPE*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*  
*[...]*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
*[...]*